MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tas-17 ta' April, 2013

Talba Numru. 805/2012

**Marisa Casha**
**Vs**
**Claude Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attrici hija kreditrici fis-somma ta’ tmien mija u ghaxar (€810) euro liema somma l-konvenut ircieva f’isimha minn klijenti taghha stess u cjoe Wilfred Spiteri u Rita Magri meta installa *air condition* gewwa darhom, izda liema somma huwa zamm ghalih b’mod illegali u bi ksur tal-obbligazzjonijiet tieghu fil-konfront tal-attrici; illi l-ammont dovut lil konvenut ghax-xoghol ta’ installazzjoni hija gja mnaqqsa mill-ammont globali u ghalhekk it-talba odjerna hija biss ghall-ammont dovut lill-attrici wara li tnaqqsu l-ammonti dovuti lill-konvenut; illi l-konvenut gja gie interpellat biex ihallas l-imsemmi ammont mill-attrici stess izda l-konvenut baqa’

inadempjenti; illi ghar-ragunijiet premessi l-attrici qeghda titlob bir-rispett lil dan it-Tribunal joghgbu tikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont ta’ €810, l-imgħax u bl-ispejjez tal-mandat li qieghed jigi pprezentat kontestwalment ma’ dan l-avviz.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-9 t’April, 2013 mill-Avukat Paul Micallef Grimaud u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ tmien mija u ghaxar (€810) euro u dan bl-ispejjez tal-mandat u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------